IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 6.7.2012
COM(2012) 367 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Id-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja proposta għal Regolament COM (2011) 747 finali dwar l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u proposta għal Direttiva COM (2011) 746 finali dwar dipendenza eċċessiva fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu**

(Test b'rilevanza għaż-ZEE)

MT MT

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Id-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja proposta għal Regolament COM (2011) 747 finali dwar l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u proposta għal Direttiva COM (2011) 746 finali dwar dipendenza eċċessiva fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu**

(Test b'rilevanza għaż-ZEE)

Fil-15 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu u proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda id-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u d-Direttiva 2011/61/UE dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi fir-rigward ta' dipendenza eċċessiva fuq klassifikazzijiet tal-kreditu (minn issa 'l quddiem, il-proposta CRA3).

Rigward l-impatt fuq il-baġit tal-Unjoni, it-Taqsima 4 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni li jakkumpanja r-Regolament propost iddikjarat:

*« Il-proposta tal-Kummissjoni ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea. Il-kompiti, partikularment, li jiġu fdati f'idejn l-AETS kif imsemmi fil-proposta mhux se jinvolvu fondi addizzjonali tal-UE. Ta' min wieħed jinnota wkoll li l-Artikolu 19 tar-Regolament dwar is-CRAs [in-nota ta' qiegħ il-paġna 11] jipprovdi li l-ispejjeż tal-AETS li huma meħtieġa għar-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tas-CRAs skont ir-Regolament għandhom jiġu koperti kollha minn tariffi li jiġu ċċarġjati l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu."*

*Nota ta' qiegħ il-paġna 11: '1. L-AETS għandha tiċċarġja t-tariffi lill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu skont dan ir-Regolament u r-regolament dwar it-tariffi msemmija fil-paragrafu 2. Dawk it-tariffi għandhom ikopru għal kollox l-ispejjeż neċessarji tal-AETS rigward ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u r-rimborż ta' kwalunkwe spiża li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jġarrbu fit-twettiq tax-xogħol skont dan ir-Regolament, b'mod partikulari bħala riżultat ta' kull delega ta' kompiti skont l-Artikolu 30."*

Valutazzjoni tal-impatt tal-propsta tas-CRA3, ivvalutat l-implikazzjonijiet tal-kost tal-miżuri individwali u ddikjarat: "*miżuri ta' politika mhux se jkollhom impatt fuq il-baġit tal-UE*"[1]. Madankollu, ġie stmat li l-proposta CRA3 tirriżulta f'żieda sostanzjali fil-volum ta' xogħol tal-AETS, u għalhekk tirrikjedi aktar riżorsi umani fl-aġenzija. Konsegwentement, fl-Abbożż tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 (COM(2012) 300)[2] (minn hawn 'il quddiem – l-Abbozz tal-Baġit 2013), il-Kummissjoni pproponiet żieda ta' 15-il kariga fil-pjan ta' stabbiliment għall-AETS. Se

[1] Ara paġna 59 tal-Valutazzjoni tal-Impatt http://ec.europa.eu/internal_market/securities/docs/agencies/SEC_2011_1354_en.pdf .

[2] http://eur-lex.europa.eu/budget/data/DB2013/EN/SEC03.pdf, p. 801.

jkunu ffinanzjati b'mod sħiħ mit-tariffi mħallsa mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, u għalhekk, mhu se jkollhom l-ebda impatt fuq il-kontribuzzjoni tal-UE lill-AETS.

Din il-Komunikazzjoni tipprovdi informazzjoni dettaljata lill-Awtorità tal-Baġit fil-forma ta' dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva għall-proposta CRA3, li tinkludi wkoll informazzjoni dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi meħtieġa skont il-kompiti u l-għanijiet tal-AETS li joħorġu mill-proposta tas-CRA3. Fl-aħħar nett, ħarsa ġenerali tal-impatt tal-proposti kollha tal-Kummissjoni dwar ir-riżorsi tal-AETS għall-2013 hija pprovduta fl-Anness 2 ta' din il-Komunikazzjoni.

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)

**2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

2.2. Is-Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Il-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

**3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

*3.2.5. Parteċipazzjoni minn partijiet terzi fil-finanzjament*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar l-Aġenziji li jiggradaw il-Kreditu (CRA) |

### 1.2. Qasam/oqsma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[3]

| |
|---|
| Suq Intern – Swieq finanzjarji |

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☒ (Il-proposta/l-inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni ġdida**

### 1.4. Għanijiet

*1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

| |
|---|
| Kontribuzzjoni biex inaqqsu r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja u r-restawr tal-fiduċja tal-investituri u ta' parteċipanti oħra fis-swieq finanzjarji u l-kwalità tal-klassifikazzjonijiet |

*1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività/jiet ABM/ABB konċernata/i*

Għanijiet speċifiċi:

Fid-dawl tal-għanijiet ġenerali ta' hawn fuq, ġew stabbiliti l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

- tnaqqis tad-dipendenza fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni
- mitigazzjoni tar-riskji tal-effetti kontaġġjużi marbuta mad-dejn sovran
- titjib tal-kundizzjonijiet tas-suq tal-klassifikazzjoni tal-kreditu
- żgurar tad-dritt ta' rimedju għal investituri
- tisħiħ tal-indipendenza tas-CRA u titjib tal-metodoloġiji u l-proċessi tal-klassifikazzjoni tal-kreditu

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistenni(ja)*

- ir-referenzi kollha għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu f'linji gwida u rakkomandazzjonijiet eżistenti se jiġu riveduti u fejn xieraq imneħħija mill-ABE, l-AEAPX

---

[3] ABM: Activity-Based Management (Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività) – ABB: Activity-Based Budgeting (Ibbaġitjar Skont l-Attività)

u l-AETS

- id-divulgazzjoni kontinwa ta' prodotti finanzjarji strutturati se tiġi mtejba; dan se jipprovdi aktar inċentivi għall-investituri biex iwettqu huma stess id-diliġenza dovuta u se jnaqqas id-dipendenza eċċessiva fuq klassifikazzjonijiet esterni
- se titjieb it-trasparenza tal-klassifikazzjonijiet sovrani; l-investituri se jifhmu aħjar il-klassifikazzjonijiet sovrani; se jonqsu r-riskji ta' kontaġju u ta' konsegwenzi mifruxa
- Is-suq tal-klassifikazzjonijiet se jsir iktar miftuħ għal parteċipanti ġodda; l-ikbar aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu attwali se jaffaċċjaw aktar kompetizzjoni; emittenti u investituri se jkollhom iktar għażla fost l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu
- Id-danni tal-investituri li jirriżultaw mill-imġiba intenzjonali jew minn negliġenza serja tas-CRAs, se jiġu kkumpensati
- Kunflitti ta' interess li jirriżultaw minn mudell fejn l-emittent iħallas u minn relazzjoni twila ta' negozju, se jiġu mitigati
- Il-parteċipanti fis-suq ser jifhmu sew u se jkunu f'pożizzjoni li jiskrutinizzaw il-metodoloġiji tas-CRA għall-klassijiet kollha tal-assi

*1.4.4. L-indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

- Għadd ta' referenzi għal klassifikazzjonijiet esterni fid-dokumenti maħruġa mill-AETS
- Bidliet fl-użu ta' approċċi bbażati fuq il-klassifikazzjonijiet standardizzati u interni użati għal skopijiet regolatorji minn ditti finanzjarji.
- L-għadd jew il-proporzjon ta' klassifikazzjonijiet soliċitati u mhux soliċitati maħruġa għal diversi klassijiet ta'assi.
- Il-frekwenza ta' reviżjoni u ħruġ ta' klassifikazzjonijiet, partikolarment il-klassifikazzjonijiet tad-dejn sovran.
- Il-frekwenza u tipi ta' bidliet għall-metodoloġiji tas-CRA, u kemm-il darba dawn ġew irrifjutati jew ikkontestati.
- L-għadd ta' parteċipanti ġodda u bidliet għall-istruttura tas-suq. Dan jista' jinkludi s-sehem tas-suq tal-atturi eżistenti f'termini kemm ta' dħul kif ukoll fl-għadd ta' klassifikazzjonijiet pendenti fi klassijiet varji.

## 1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu huma parteċipanti importanti fis-suq finanzjarju u jeħtieġ li jkunu soġġetti għal qafas ġuridiku xieraq. Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar

aġenziji li jiggradaw il-kreditu[4] (ir-Regolament CRA) daħal fis-seħħ b'mod sħiħ fis-7 ta' Diċembru 2010. Dan jitlob illi l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (CRAs) jikkonformaw ma' regoli rigorużi ta' mġiba sabiex jiġu mmitigati kunflitti ta' interess li jista' jkun hemm, tiġi żgurata kwalità għolja u suffiċjenti ta' trasparenza tal-klassifikazzjonijiet u tal-proċess tal-klassifikazzjoni. Is-CRAs eżistenti kellhom japplikaw għar-reġistrazzjoni u jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament sas-7 ta' Settembru 2010.

Fl-1 ta' Ġunju 2011 daħlet fis-seħħ emenda għar-Regolament dwar is-CRAs (ir-Regolament (UE) Nru 513/2011), li tafda lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) bis-setgħa esklussiva ta' superviżjoni fuq is-CRAs li huma reġistrati fl-UE sabiex tiċċentralizza u tissimplifika r-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tagħhom f'livell Ewropew[5].

Filwaqt li jipprovdu bażi tajba, għadd ta' kwistjonijiet relatati ma' attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u l-użu tal-klassifikazzjonijiet ma ġewx indirizzati biżżejjed fir-Regolament dwar is-CRAs eżistenti. Dawn jirrigwardaw b'mod partikolari r-riskju ta' dipendenza żejda fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu mill-parteċipanti finanzjarji tas-suq, il-livell għoli ta' konċentrazzjoni fis-suq tal-klassifikazzjoni, ir-responsabbiltà ċivili tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu vis-à-vis l-investituri, il-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-mudell 'l-emittent iħallas' u l-istruttura tal-azzjonisti tas-CRAs. L-ispeċifiċitajiet tal-klassifikazzjonijiet sovrani li saru evidenti matul il-kriżi tad-dejn sovran attwali wkoll mhumiex speċifikament indirizzati fir-Regolament dwar is-CRAs attwali.

Il-Kummissjoni Ewropea semmiet dawn il-kwistjonijiet miftuħa fil-Komunikazzjoni tagħha tat-2 ta' Ġunju 2010 ("Ir-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji għat-tkabbir ekonomiku [għat-tkabbir sostenibbli]")[6] u fi ktiba ta' konsultazzjoni dwar is-servizzi tal-Kummissjoni tal-5 ta' Novembru 2010[7] li fiha titħabbar il-ħtieġa għal reviżjoni mmirata tar-Regolament dwar is-CRAs li ġiet ippreżentata ma' proposta CRA3 fil-15 ta' Novembru 2011.

Fit-8 ta' Ġunju 2011, il-Parlament Ewropew ħareġ riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva dwar is-CRAs[8]. Ir-rapport jappoġġa l-ħtieġa li jissaħħaħ il-qafas regolatorju għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u li jittieħdu miżuri biex jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza żejda fuq il-klassifikazzjonijiet. B'mod iktar speċifiku, il-Parlament Ewropew jappoġġa, fost l-oħrajn, rekwiżiti tad-divulgazzjoni iktar iebsa għall-klassifikazzjonijiet tad-dejn sovran, l-istabbiliment ta' Indiċi Ewropew tal-Klassifikazzjoni, żieda fid-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar strumenti finanzjarji strutturati u r-responsabbiltà ċivili tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew kien tal-opinjoni li l-istimolazzjoni tal-kompetizzjoni kienet kompitu importanti u qies li l-istabbiliment ta' Aġenzija Ewropea indipendenti tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu għandu wkoll jiġi esplorat u vvalutat mill-Kummissjoni.

F'laqgħa informali tal-ECOFIN li saret fit-30 ta' Settembru u fl-1 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill

4 Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu, ĠU L 302, 17.11.2009.

5 Ir-Regolament (UE) Nru 513/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu, ĠU L 145, 31.5.2011.

6 COM(2010) 301 finali.

7 Disponibbli fuq http://ec.europa.eu/internal_market/consultations/2010/CRA_en.htm.

8 http://www.europarl.europa.eu/oeil/FindByProcnum.do?lang=&procnum=INI/2010/2302.

tal-Unjoni Ewropea rrikonoxxa li għandhom isiru iktar sforzi biex jiġu indirizzati għadd ta' kwistjonijiet relatati ma' attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, inkluż ir-riskju ta' dipendenza żejda fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u r-riskju ta' kunflitti ta' interess li jiġu mill-mudell ta' rimunerazzjoni tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni. Il-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2011 ikkonkluda li hemm bżonn li jsir progress biex titnaqqas id-dipendenza żejda fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu.

Barra minn hekk, il-Kumitat Ewropew tat-Titoli u l-Kumitat Ewropew tal-Banek magħmula minn rappreżentanti tal-ministeri tal-finanzi tal-Istati Membri ddiskutew il-ħtieġa li l-qafas regolatorju għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jissaħħaħ aktar fil-laqgħat tagħhom tad-9 ta' Novembru 2010 u d-19 ta' Settembru 2011.

Fil-livell internazzjonali, f'Ottubru 2010 il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) ħareġ bi prinċipji biex titnaqqas id-dipendenza tal-awtoritajiet u tal-istituzzjonijiet finanzjarji fuq il-klassifikazzjonijiet tas-CRA[9]. Il-prinċipji jisħqu fuq it-tneħħija jew is-sostituzzjoni ta' referenzi għal klassifikazzjonijiet bħal dawn fil-leġiżlazzjoni fejn standards alternattivi u adattati ta' affidabbiltà kreditizja huma disponibbli u fuq il-ħtieġa li l-investituri jagħmlu l-valutazzjonijiet tal-kreditu tagħhom stess. Dawk il-prinċipji ġew approvati mis-Samit tal-G20 f'Seoul f'Novembru 2010.

Dan l-aħħar il-Kummissjoni indirizzat il-kwistjoni tad-dipendenza eċċessiva fuq il-klassifikazzjonijiet min-naħa tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tar-riforma tal-leġiżlazzjoni bankarja[10]. Il-Kummissjoni pproponiet l-introduzzjoni ta' regola li tirrikjedi lill-banek u d-ditti tal-investiment biex huma stess jivvalutaw ir-riskju tal-kreditu tal-entitajiet u tal-istrumenti finanzjarji li fihom huma jinvestu u mhux sempliċement jiddependu fuq il-klassifikazzjonijiet esterni f'dan ir-rigward. Dispożizzjoni simili ġiet proposta mill-Kummissjoni fl-abbozz ta' emendi[11] għad-Direttivi dwar l-UCITS[12] u dwar il-maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi[13], li qed jiġu proposti b'mod parallel ma' din il-proposta.

### *1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Skont il-prinċipju tas-sussidjaretà (Artikolu 5.3 tat-TUE), azzjoni fil-livell tal-UE għandha tittieħed biss meta l-għanijiet previsti ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jistgħu jintlaħqu aħjar mill-UE. Għalkemm il-problemi kollha relatati mal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom implikazzjonijiet importanti għall-Istati Membri individwali, l-impatt globali

9 http://www.financialstabilityboard.org/publications/R_101027.pdf.

10 Proposta mill-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2011 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju, COM(2011) 453 finali. Ara l-punt (b) tal-Artikolu 77.

11 Proposta mill-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2011 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-impriżi għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u d-Direttiva 2011/61/UE dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi fir-rigward tad-dipendenza eċċessiva fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, COM(2011) 746 finali.

12 ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.

13 ĠU L 174, 1.7.2011, p.1.

tagħhom jista' jkun ipperċepit b'mod sħiħ biss f'kuntest transfruntier. Dan minħabba li l-klassifikazzjonijiet jistgħu jinħarġu f'pajjiż wieħed għal istrumenti finanzjarji maħruġa f'pajjiż ieħor, b'tali mod li l-azzjoni meħuda fil-livell nazzjonali jista' ma jkollha l-ebda effett, billi l-klassifikazzjonijiet jistgħu jkomplu jinħarġu u jintużaw jekk dawn ikunu prodotti f'ġuriżdizzjonijiet differenti tal-UE jew saħansitra f'ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi. Bħala riżultat, ir-reazzjonijiet nazzjonali għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni tal-kreditu qegħdin jirriskjaw li jiġu evitati jew li jsiru ineffettivi mingħajr azzjoni fil-livell tal-UE. Għalhekk, kwalunkwe azzjoni ulterjuri fil-qasam tas-CRAs tista' tinkiseb aħjar permezz ta' sforz komuni. Għaldaqstant, l-azzjoni tal-UE tidher li hija xierqa fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

*1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat*

mhux applikabbli

*1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn*

Wara mewġa ta' miżuri ta' "emerġenza" biex tkun immaniġġjata l-kriżi finanzjarja li faqqgħet fl-2007, il-Kummissjoni nidiet programm ta' riformi li jimplimenta l-impenji meħuda mill-G20 u li jimmira biex ikunu trattati kwistjonijiet aktar strutturali tas-settur finanzjarju tal-UE u biex ikunu indirizzati s-sorsi ewlenin tal-vulnerabbiltà tagħha kif żvelat mill-kriżi:

- Il-livelli baxxi ta' kapital ta' kwalità għolja u likwidità insuffiċjenti fis-settur bankarju, jirriflettu parzjalment rekwiżiti prudenzjali inadegwati u proċikliċi u fallimenti fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju;

- Nuqqasijiet superviżorji, partikolarment fir-rigward tas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet individwali li joperaw f'kuntest transfruntier u tas-settur finanzjarju mhux irregolat;

- Il-fallimenti tal-governanza korporattiva li kkontribwixxew għal prattiki ta' teħid ta' riskju eċċessiv fl-istituzzjonijiet finanzjarji;

- Trasparenza insuffiċjenti fis-suq u divulgazzjoni inadegwat ta' informazzjoni lill-awtoritajiet inklużi superviżuri, partikolarment b'referenza għal prodotti finanzjarji strutturati kumplessi;

- Nuqqas ta' regolamentazzjoni xierqa u superviżjoni tal-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu;

- Sorveljanza makroprudenzjali insuffiċjenti tas-settur finanzjarju kumplessiv biex tipprevjeni riskji makrosistemiċi ta' kontaġju;

- In-nuqqas ta' qafas armonizzat li jiffaċilita l-istralċ ordinat tal-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji li kkontribwixxa biex issir pressjoni fuq l-Stati Membri biex jinjettaw flus pubbliċi fil-banek biex jiġi evitat kollass ġenerali.

Il-pedamenti ta' dan il-programm ġew spjegati fil-Komunikazzjoni tal-4 ta' Marzu 2009, Nixprunaw l-Irkupru Ewropew, u l-Komunikazzjoni tat-2 ta' Ġunju 2010 "Ir-Regolazzjoni tas-

servizzi finanzjarji għal tkabbir sostenibbli" li jistabbilixxu d-dettalji tal-pakkett tar-riforma finanzjarja.

L-ewwel elementi daħlu fis-seħħ fil-perjodu 2009-2010. L-aktar importanti hija rappreżentata mill-arkitettura ġdida għas-superviżjoni finanzjarja li involviet l-istabbiliment tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, li se tiżgura li r-riskji makroprudenzjali u makroekonomiċi jiġi identifikati fi stadju bikri, u tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej ġodda responsabbli għall-banek (l-Awtorità Bankarja Ewropea jew EBA), għall-assigurazzjoni (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol jew l-AEAPX) u għas-swieq tat-titoli (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq - AETS) biex jiżguraw is-sorveljanza msaħħa u koordinazzjoni aħjar fost is-superviżuri.

Nuqqas importanti fir-regolament imtela permezz tar-Regolamenti dwar l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (“CRA I" u "CRA II") li jintroduċu rekwiżiti stretti ta’ awtorizzazzjoni u superviżjoni għas-CRAs u, li jafdaw is-superviżjoni tas-CRAs lill-AETS. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali (CRD) kienet emendata (‘CRD III ") biex isaħħaħ ir-regoli kapitali għall-portafoll ta’ negozjar u għal derivattivi kumplessi u tintrodoċi regoli vinkolanti dwar rimunerazzjoni u bonuses fl-istituzzjonijiet finanzjarji. Nuqqas regolatorju u superviżorju ulterjuri imtela mid-Direttiva dwar il-maniġers ta’ fondi ta’ investiment alternattivi, inklużi l-fondi ħeġġ (id-Direttiva AIFM) li tipprovdi standards regolatorji robusti u armonizzati għall-maniġers kollha u għat-titjib tat-trasparenza għall-investituri.

## 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

☒ Proposta/Inizjattiva ta’ **tul ta’ żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b’perjodu ta’ bidu mill-2013 sal-2015,

– Segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Metodu/i ta’ ġestjoni previst(i)[14]

☐ **Ġestjoni indiretta ċentralizzata** bid-delega tal-kompiti ta’ implimentazzjoni lil:

– ☒ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[15]

[14] Dettalji dwar il-modi ta’ ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit elettroniku BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[15] Kif stipulat fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2. IL-MIŻURI TA’ ĠESTJONI

### 2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

L-Artikolu 81 tar-Regolament li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) jeħtieġ li sat-2 ta’ Jannar 2014 u kull 3 snin minn dakinhar, il-Kummissjoni tippubblika rapport ġenerali dwar l-esperjenza akkwistata b'riżultat tal-operat tal-AETS. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tippubblika rapport ġenerali li se jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

### 2.2. Sistema ta’ ġestjoni u kontroll

*2.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

Riskju speċifiku assoċjat mal-ġestjoni tal-approprjazzjonijiet AETS fir-rigward tar-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-CRA jirriżulta mill-fatt li b’mod differenti minn bosta korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet, is-superviżjoni tas-CRA se tiġi ffinanzjata esklużivament mis-CRAs infushom.

Inkella, fir-rigward tal-użu legali, ekonomiku, effiċjenti u effettiv tal-approprjazzjonijiet li jirriżultaw mill-proposta, huwa mistenni li l-proposta ma toħloqx riskji ġodda li ma humiex attwalment koperti minn qafas ta' kontroll intern eżistenti tal-AETS.

*2.2.2. Il-metodu/i ta’ kontroll previst(i)*

Sabiex tkun żgurata proċedura trasparenti u użu effettiv ta' dawn ir-riżorsi mill-AETS, il-Kummissjoni adottat Regolament ta’ Delega tas-7 ta' Frar 2012 (Nru 272/2012) rigward it-tariffi ċċarġjati mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu[16].

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandhom japplikaw għall-AETS mingħajr l-ebda restrizzjoni.

L-AETS għandha taċċedi għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta’ Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u għandha tadotta minnufih dispożizzjonijiet xierqa għall-persunal kollu tal-AETS.

Id-deċiżjonijiet ta’ finanzjament u l-ftehimiet u l-istrumenti ta’ implimentazzjoni li jirriżultaw minnhom għandhom jistipulaw b’mod ċar li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu, jekk ikun

[16] ĠU L 90, 28.3.2012, p. 6–10.

hemm bżonn, iwettqu verifiki fuq il-post fuq il-benefiċjarji tal-fondi mogħtija mill-AETS kif ukoll fuq il-persunal responsabbli mill-allokazzjoni ta' dawn il-fondi.

L-Artikoli 64 u 65 tar-Regolament li jistabbilixxi l-AETS stipulaw id-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġit tal-AETS u r-regoli finanzjarji applikabbli.

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

- Linji tal-baġit tan-nefqa eżistenti

Iż-żieda tan-nefqa baġitarja tal-AETS għas-superviżjoni tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (CRA) se tkun għal kollox koperta mit-tariffi mħallsa mis-CRA lill-AETS[17].

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali** | Linja tal-baġit | Tip ta' **nefqa** | Kontribut | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Numru [Deskrizzjoni………]** | Diff/Mhux diff. (18) | **Minn pajjiżi tal-EFTA[19]** | mill-pajjiżi kandidati[20] | minn pajjiżi terzi |
| | 12.0404<br>AETS – Sussidju taħt it-Titoli 1, 2 u 3 | Diff | Le | Le | Le |

17 Għal aktar tagħrif, ara l-Anness 1
18 Diff:= Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff:= Approprjazzjonijiet mhux differenzjati
19 EFTA: Assoċazzjoni Ewropea ta' Kummerċ Ħieles
20 Pajjiżi kandidati u fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent

## 3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

f'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| | | Sena **2013**[21] | Sena **2014** | Sena **2015** | | | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | M.A. | M.A. | M.A. | | | | | M.A. |
| | Pagamenti | M.A. | M.A. | M.A. | | | | | M.A. |

[21] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

*3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☒ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

*3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☒ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☒ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' riżorsi umani

Kumment:

L-ebda riżorsi umani jew amministrattivi addizzjonali ma huma se jkunu meħtieġa fid-DĠ MARKT minħabba l-proposta CRA3.

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– ☒ Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi

**3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul**

– ☒ Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

Anness 1

Il-persunal estern (CAs u ENDs) meħtieġ mill-AETS fl-2014 u l-2015 biex jimplimenta ħidmiet temporanji li jirriżultaw mill-proposta tas-CRA3, mhumiex maħsuba li jwasslu għal żieda ulterjuri fil-persunal estern tal-AETS

Tabella 1 Riżorsi vvalutati meħtieġa biex l-AETS timplimenta l-proposta tas-CRA3

| Kompiti ġodda għall-AETS | Riżorsi umani meħtieġa | | | Riżorsi addizzjonali tal-IT |
|---|---|---|---|---|
| | *Temporanji* | *Riżorsi oħra għall-2014-2015 fil-forma ta' esperti nazzjonali sekondati (ENDs) jew aġenti kuntrattwali (CAs), espressi bħala ekwivalenti full-time (fte)* | *Kummenti* | |
| 1)<br><br>Tirrevedi u tneħħi fejn xieraq referenzi għall-klassifikazzjonijiet fil-Linji Gwida, ir-Rakkomandazzjonijiet u l-Istandards Tekniċi Regolatorji (RTS) eżistenti kollha | | - 0.5 fte | | |
| 2)<br><br>L-adozzjoni ta' 5 RTS ġodda dwar:<br><br>- divulgazzjoni dwar prodotti finanzjarji strutturati<br><br>- rotazzjoni ta' CRAs (fajl ta' handover)<br><br>- skala ta' klassifikazzjoni standard | | - 3.5 fte | Stima bbażata fuq il-volum ta' xogħol meħtieġ matul l-2011 għall-preparazzjoni tal-erba' abbozzi RTS u dwar il-metodoloġiji speċifiċi avvanzati li s-suġġetti se jirrikjedu. | |

MT



MT

| Kompiti ġodda għall-AETS | Riżorsi umani meħtieġa | | | Riżorsi addizzjonali tal-IT |
|---|---|---|---|---|
| | *Temporanji* | *Riżorsi oħra għall-2014-2015 fil-forma ta' esperti nazzjonali sekondati (ENDs) jew aġenti kuntrattwali (CAs), espressi bħala ekwivalenti full-time (fte)* | *Kummenti* | |
| armonizzata<br><br>- EURIX<br><br>-tariffi imposti minn CRAs | | | | |
| 3)<br><br>L-adozzjoni ta' 2 Linji gwida u Rakkomandazzjonijiet ġodda dwar:<br><br>- koordinazzjoni tad-divulgazzjoni tat-tariffi tas-CRAs<br><br>- akkwiżizzjoni ta' dejta dwar il-konċentrazzjoni tas-suq | | - 1.5 fte | Stima bbażata fuq il-proċess ta' konsultazzjoni u adozzjoni meħtieġa għal Linji gwida u Rakkomandazzjonijiet u dwar metodoloġiji speċifiċi avvanzati li ż-żewġ suġġetti se jeħtieġu | |
| 4) Tiġdid tal-valutazzjoni tal-kapaċità ta' approvazzjoni ta' pajjiż terz | | - 3.5 fte | Stima bbażata fuq il-volum ta' xogħol meħtieġ matul l-2011 għall-proċess ta' approvazzjoni | |
| 5)<br><br>- It-twaqqif u l-ġestjoni ta' sit elettroniku ċentralizzat dwar finanzjament strutturat sottostanti għal puli ta' assi u l-prestazzjoni tal-klassifikazzjonijiet tagħhom | - 1.8 fte:<br><br>Unità | - 2.3 fte<br><br>Unità ta' CRA : 1.0 fte | | Suppożizzjoni (Tul ta' proġett ta' sena u nofs ):<br><br>1) Spejjeż għas-softwer:<br><br>EUR 300000 HT |

| Kompiti ġodda għall-AETS | Riżorsi umani meħtieġa | | | Riżorsi addizzjonali tal-IT |
|---|---|---|---|---|
| | *Temporanji* | *Riżorsi oħra għall-2014-2015 fil-forma ta' esperti nazzjonali sekondati (ENDs) jew aġenti kuntrattwali (CAs), espressi bħala ekwivalenti full-time (fte)* | *Kummenti* | |
| | ta’ CRA : 1.0 fte<br><br>IT: 0.8 fte (il-produzzjoni u analista tan-negozju) | IT: 1.3 fte (0.5 amministratur tal-proġett + 0.5 inġinier + 0.3 espert tal-akkwist pubbliku) | | 2)Spejjeż għall-ħardwer:<br><br>EUR 30000 HT<br><br>3)Servizzi:<br><br>Fażi tal-bidu: Espert fte wieħed (1) (6 xhur*EUR 1200*22) = 158000<br><br>Ittestjar/Roll-out: fte junior 1(12-il xahar*700*22) = 185000<br><br>**TOTAL: 673000** |
| 6)<br><br>-valutazzjoni preliminari tal-metodoloġiji ġodda tas-CRAs | 6 fte | - | Din l-istima tirrappreżenta medja ta’ bejn 2 u 22 fte, skont l-abbozzar finali tad-dispożizzjoni, li teħtieġ mingħand l-AETS, jew madwar 50 jew madwar 500 valutazzjoni kull sena. | |
| 7) monitoraġġ tal-iżviluppi tas-suq u implimentazzjoni oħra ta' rekwiżit ieħor li s- | | | | |

| Kompiti ġodda għall-AETS | Riżorsi umani meħtieġa | | | Riżorsi addizzjonali tal-IT |
|---|---|---|---|---|
| | *Temporanji* | *Riżorsi oħra għall-2014-2015 fil-forma ta' esperti nazzjonali sekondati (ENDs) jew aġenti kuntrattwali (CAs), espressi bħala ekwivalenti full-time (fte)* | *Kummenti* | |
| CRA se jkollha tosserva:<br><br>-monitoraġġ tar-rabtiet tat-transproprjetà tas-CRAs<br><br>- monitoraġġ tar-rotazzjoni obbligatorja tal-CRA u tal-analisti ewlenin<br><br>-monitoraġġ tal-interessi tal-azzjonisti ewlenin u tas-servizzi ta' konsulenza f'entitajiet ikklassifikati tas-CRAs<br><br>- monitoraġġ tal-osservazzjoni ta' klassifikazzjonijiet SF doppji<br><br>- monitoraġġ tal-pubblikazzjoni ta' klassifikazzjonijiet sovrani (wara l-għeluq tan-negozju u mill-inqas siegħa qabel il-ftuħ ta' ċentri tan-negozjar tal-UE)<br><br>-monitoraġġ li s-CRAs jinfurmaw lill-entitajiet ikklassifikati ġuranta ta' xogħol sħiħa qabel il-pubblikazzjoni tal-klassifikazzjonijiet u l-prospettivi<br><br>-monitoraġġ li s-CRAs jiddivulgaw il-klassifikazzjonijiet preliminari kollha | 4.8 fte | - | | |

| Kompiti ġodda għall-AETS | Riżorsi umani meħtieġa | | | Riżorsi addizzjonali tal-IT |
|---|---|---|---|---|
| | *Temporanji* | *Riżorsi oħra għall-2014-2015 fil-forma ta' esperti nazzjonali sekondati (ENDs) jew aġenti kuntrattwali (CAs), espressi bħala ekwivalenti full-time (fte)* | *Kummenti* | |
| -monitoraġġ tat-tariffi imposti fuq is-CRAs<br><br>-żvilupp ta' metodoloġija ġdida u monitoraġġ tar-riskji ta' konċentrazzjoni tas-suq | | | | |
| 8)<br><br>- stabbiliment u ġestjoni tal-Indiċi Ewropew ta' Klassifikazzjoni (EURIX)/Pjattaforma Ewropea ta' Klassifikazzjoni inkluż l-istabbiliment u l-ġestjoni ta' bażi ta' dejta ta' divulgazzjoni tat-tariffi imposti mis-CRAs | 2.4 fte:<br><br>Unità ta' CRA : 1.4 fte;<br><br>IT: 1 fte (il-produzzjoni (+) analista tan-negozju) | - | Stima bbażata fuq metodoloġiji speċifiċi avvanzati meħtieġa | Suppożizzjoni (Tul ta' proġett ta' sena): Implimenntazzjoni bbażata fuq sinerġiji mas-CEREP u SoCRAT; Kalkoli EURIX magħmula mis-CRAs):<br><br>1) Spejjeż tas-softwer:<br><br>EUR 200000 HT<br><br>2)Spejjeż tal-ħardwer:<br><br>EUR 15000 HT<br><br>3)Servizzi:<br><br>Fażi tal-bidu: 2.25 fte (maniġer tal-proġett, inġinier u esperti oħra; 6 xhur*EUR 1200 |

MT



MT

| Kompiti ġodda għall-AETS | Riżorsi umani meħtieġa | | | Riżorsi addizzjonali tal-IT |
|---|---|---|---|---|
| | *Temporanji* | *Riżorsi oħra għall-2014-2015 fil-forma ta' esperti nazzjonali sekondati (ENDs) jew aġenti kuntrattwali (CAs), espressi bħala ekwivalenti full-time (fte)* | *Kummenti* | |
| | | | | *22)=356000<br><br>Ittestjar/Roll-out: fte junior 1(6 xhur*700*22)=93000<br><br>**TOTAL: 664000** |
| **Total** | 15 | 11.3 | | |

Qed jiġi preżunt li r-Regolament se jidħol fis-seħħ qabel l-2013, u għaldaqstant, li riżorsi addizzjonali tal-AETS huma meħtieġa mill-2013. Persunal addizzjonali ġie stmat biss għall-istandards tekniċi, il-linji gwida u r-rapporti li għandhom jiġu prodotti mill-AETS. Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi kompiti għall-AETS li se jeħtieġu l-ħolqien ta’ 15–il kariga temporanja mill-2013. Barra minn hekk, kompiti oħra kif deskritti fuq se jkunu koperti mill-persunal estern, mill-SNEs u mill-aġenti kuntrattwali għall-perjodu 2014 – 2015: 5.8 (snin ta’ xogħol) għall-2014 u 5.5 (snin ta’ xogħol) għal 2015.

Suppożizzjonijiet oħrajn:

- Il-kosti annwali medji għas-salarji għal kategoriji differenti ta’ persunal huma bbażati fuq il-gwida tad-DĠ BUDG;
- Koeffiċjenti tal-ippeżar tas-salarji għal Pariġi ta’ 1.161;
- Kosti għat-taħriġ stmati li jilħqu EUR 1 000 għal kull ekwivalenti full-time (FTE) fis-sena;
- Kosti għal missjonijiet ta’ EUR 10,000, stima bbażata fuq l-abbozz tal-baġit tal-2012 għall-missjonijiet għal kull persuna;
- Kosti relatati mar-reklutaġġ (vjaġġi, lukanda, eżamijiet mediċi, illoġġjar u benefiċċji oħrajn, spejjeż tal-ġarr, eċċ) ta’ EUR 12,700, stima bbażata fuq l-abbozz tal-baġit tal-2012 għar-reklutaġġ għal kull persuna ġdida.

Il-metodu ta’ kalkolu taż-żieda fil-baġit meħtieġ għat-tliet snin li ġejjin huwa ppreżentat f’aktar dettall fit-tabella ta’ hawn taħt. Il-kalkolu jirrifletti l-fatt li l-ispejjeż kollha relatati mas-superviżjoni tas-CRA se jiġu minn tariffi mħallsa lill-AETS mis-CRAs.

Tabella 2 Allokazzjoni ta' kosti

| **Tip ta' kost** | **Kalkolu** | **Ammont (f’miljuni ta’EUR)** | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | **2013** | **2014** | **2015** | **Total** |
| | | | | | |
| Titolu 1: Nefqa fuq il-persunal | | | | | |
| | | | | | |
| *11 Salarji u benefiċċji* | | | | | |
| -li minnhom aġenti temporanji | =15*127*1,161 | 2,212 | 2,212 | 2,212 | 6,635 |
| - li minnhom SNEs | = (4.8 għall-2014, 4.5 għall-2015)*73*1,161 | 0 | 407 | 381 | 788 |
| - li minnhom aġenti kuntrattwali | =1*64*1,161 | 0 | 74 | 74 | 148 |
| | | | | | |
| *12 Nefqa relatata mar-reklutaġġ* | = (15 għall-2013, 5 għall- | 191 | 64 | 0 | 255 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | 2014) * 12,7 | | | | |
| | | | | | |
| *13 Spejjeż tal-missjonijiet* | = (15 għall-2013, 20.8 għall-2014 u 20.5 għall-2015)*10 | 150 | 208 | 205 | 563 |
| | | | | | |
| *15 Taħriġ* | =(15 għall-2013, 20.8 għall-2014 u 20.5 għall-2015)*1 | 15 | 21 | 21 | 56 |
| | | | | | |
| Total tat-Titolu 1: Nefqa fuq il-persunal | | 2,568 | 2,986 | 2,893 | 8,445 |
| | | | | | |
| | | | | | |
| Titolu 2: Infrastruttura u nefqa operazzjonali | = (15 għall-2013, 20.8 għall-2014 u 20.5 għall-2015)*30 | 450 | 624 | 615 | 1,689 |
| | | | | | |
| Total Titolu 2 : Infrastruttura u nefqa operazzjonali | | 450 | 624 | 615 | 1,689 |
| | | | | | |
| | | | | | |
| Titolu 3: Nefqa operazzjonali | | | | | |
| | | | | | |
| EURIX | | 664 | 0 | 0 | 664 |
| Sit elettroniku ċentralizzat dwar il-kwalità tal-klassifikazzjonijiet ta' finanzi strutturati | | 0 | 300 | 373 | 673 |
| | | | | | |
| Total tat-Titolu 3: Nefqa operazzjonali | | 664 | 300 | 373 | 1337 |
| | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Total | | 3,682 | 3,910 | 3,881 | 11,471 |
| li l-introjti mit-tariffi tar-reġistrazzjoni u tas-superviżjoni għandhom jitħallsu mis-CRAs (100%) | | 3,682 | 3,910 | 3,881 | 11,471 |

Tabella 3 Il-pjan ta' stabbiliment propost għall-ħmistax-il kariga ta' aġent temporanju.

| **Grupp u grad tal-funzjoni** | **Postijiet temporanji** |
|---|---|
| AD 8 | 2 |
| AD 7 | 3 |
| AD 6 | 5 |
| AD 5 | 5 |
| | |
| **Total AD** | **15** |

Tabella 4 Allokazzjoni tal-kosti stmati skont l-għanijiet u r-riżultati li jirriżultaw mill-proposta CRA3[22]

| **Objettivi u riżultati** ⇩ | | | Sena **2012** | | Sena **2013** | | Sena **2014** | | Sena **2015** | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Tip (-/+) | Kost medju | Riżultati | Kost Totali | Riżultati | Kost Totali | Riżultati | Kost Totali | Riżultati | Kost Totali | | Kost Totali |
| **Għan Nru 1 tnaqqis tad-dipendenza fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni** | | | | | | | | | | | | |
| referenzi għal klassifikazzjonijiet esterni fid-dokumenti maħruġa mill-AETS ġew riveduti u l-għadd tagħhom ġie mnaqqsa | | | - | 0 | - | 0 | + | 67 | + | 0 | | **67** |
| l-istabbiliment u l-operat tas-sit elettroniku ċentralizzat dwar finanzi strutturati sottostanti l-puli tal-assi u l-prestazzjoni tal-klassifikazzjonijiet tagħhom | | | - | 0 | - | 362 | - | 814 | + | 836 | | **2012** |
| Jinħarġu RTS ġodda dwar divulgazzjoni fir-rigward ta' strument ta' finanzi strutturati. | | | - | 0 | - | 0 | + | 94 | - | 0 | | **94** |
| Subtotal għall-għan speċifiku nru 1 | | | | 0 | | **362** | | **975** | | **836** | | **2173** |
| **Għan Nru 2 Mitigazzjoni tar-riskji tal-effetti** | | | | | | | | | | | | |

22 Jistgħu jidhru ineżattezzi minħabba l-approssimazzjoni.

| Objettivi u riżultati ⇩ | | | Sena **2012** | | Sena **2013** | | Sena **2014** | | Sena **2015** | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Tip (-/+) | Kost medju | Riżultati | Kost Totali | Riżultati | Kost Totali | Riżultati | Kost Totali | Riżultati | Kost Totali | | Kost Totali |
| **kontaġjużi marbuta mad-dejn sovran** | | | | | | | | | | | | |
| L-AETS kull sena tirrapporta dwar il-konformità tas-CRAs mar-rekwiżiti fir-rigward ta' klassifikazzjonijiet sovrani | | | - | 0 | - | 241 | + | 226 | + | 226 | | **693** |
| Subtotal għall-għan speċifiku nru 2 | | | | 0 | | **241** | | **226** | | **226** | | **693** |
| **Għan Nru 3 titjib tal-kundizzjonijiet tas-suq tal-klassifikazzjoni tal-kreditu** | | | | | | | | | | | | |
| EURIX (Indiċi Ewropew tal-Klassifikazzjoni/Pjattaforma Ewropea tal-Klassifikazzjoni) hija stabbilita, operattiva u miżmuma | | | - | 0 | - | 1147 | + | 452 | + | 452 | | **2051** |
| Jinħarġu RTS ġodda dwar EURIX, skala armonizzata ta' klassifikazzjoni u r-rotazzjoni tas-CRAs | | | - | 0 | - | 0 | + | 243 | + | 37 | | **280** |
| Linjigwida u Rakkomandazzjonijiet ġodda dwar:<br><br>- koordinazzjoni tad- | | | - | 0 | - | 0 | + | 202 | - | 0 | | **202** |

| Objettivi u riżultati ⇩ | | | Sena **2012** | | Sena **2013** | | Sena **2014** | | Sena **2015** | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Tip (-/+) | Kost medju | Riżultati | Kost Totali | Riżultati | Kost Totali | Riżultati | Kost Totali | Riżultati | Kost Totali | | Kost Totali |
| divulgazzjoni tat-tariffi tas-CRAs<br><br>- akkwiżizzjoni ta' dejta tal-konċentrazzjoni tas-suq | | | | | | | | | | | | |
| L-AETS kull sena tirrapporta dwar l-iżviluppi tas-suq tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu | | | - | 0 | - | 483 | + | 452 | + | 452 | | **1387** |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 3 | | | | 0 | - | **1630** | + | **1349** | + | **941** | | **3920** |
| **Għan Nru 4 żgurar tad-dritt ta' rimedju għal investituri** | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 4 | | | | 0 | + | 0 | + | 0 | + | 0 | | **0** |
| **Għan Nru 5 tissaħħaħ l-indipendenza tas-CRA u jitjiebu l-metodoloġiji u l-proċessi tal-klassifikazzjoni tal-kreditu** | | | | | | | | | | | | |
| Il-metodoloġiji ġodda kollha tas-CRAs evalwati b'mod preliminari mill-AETS | | | - | 0 | - | 1207 | + | 1131 | + | 1131 | | **3469** |
| RTS dwar tariffi imposti mis-CRAs | | | - | 0 | - | 0 | - | 0 | + | 87 | | **87** |

| Objettivi u riżultati ⇩ | | | Sena **2012** | | Sena **2013** | | Sena **2014** | | Sena **2015** | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Tip (-/+) | Kost medju | Riżultati | Kost Totali | Riżultati | Kost Totali | Riżultati | Kost Totali | Riżultati | Kost Totali | | Kost Totali |
| L-AETS kull sena tirrapporta dwar riskji ta' indipendenza li jirriżultaw mis-sjieda u mill-kontroll | | | - | 0 | - | 241 | + | 226 | + | 226 | | **693** |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 5 | | | - | 0 | - | **1448** | + | **1357** | + | **1444** | | **4249** |
| Sottoriżultat li jirriżulta minn għanjiet 2 sa 5 – valutazzjoni mill-ġdid tal-kapaċità ta' approvazzjoni ta' pajjiżi terzi | | | | | | | | | + | **433** | | **433** |
| **KOST TOTALI** | | | | 0 | | **3681** | - | **3907** | - | **3880** | | **11468** |

Anness 2 Ħarsa ġenerali tal-impatt fuq il-baġit tal-AETS għall-2013 tal-proposti leġiżlattivi fil-perjodu bejn l-2011u l-2013.

Mill-istabbiliment tal-AETS, l-issuktar tar-reazzjoni tal-UE għall-kriżi finanzjarja u ekonomika rrikjeda l-adozzjoni ta' serje ta' proposti ġodda importanti, li bosta minnhom irrikjedew żidiet sinifikanti fis-setgħat tal-AETS u għaldaqstant it-tisħiħ tal-persunal tal-awtorità kif stipulat fit-tabelli hawn taħt.

Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID) timmira li tiżgura strutturi tas-suq aktar robusti u effiċjenti, sabiex ikunu kkunsidrati l-innovazzjonijiet teknoloġiċi, biex titjieb it-trasparenza tal-attivitajiet kummerċjali, biex jissaħħu s-setgħat superviżorji u biex ikun żgurat qafas iktar strett tas-swieq tad-derivattivi tal-kommoditajiet u biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-investitur. L-AETS ġiet mogħtija rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' ħafna miżuri ta' implimentazzjoni tekniċi meħtieġa biex jiżguraw it-tħaddim sħiħ tal-qafas regolatorju u kompiti superviżorji speċifiċi, pereżempju rwol akbar fid-determinazzjoni tal-konformità mal-MiFID ta' każijiet individwali fejn ċentri jipproponu r-revoka tat-trasparenza qabel in-negozjar ("dark pools").

Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq (MAD) timmira li ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-abbuż tas-suq tal-kommoditajiet u tas-swieq tad-derivattivi relatati, issaħħaħ is-setgħat ta' sanzjonar tar-regolaturi u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi fuq l-emittenti żgħar u ta' daqs medju. L-AETS fost l-oħrajn ingħatat il-kompitu, li tiżgura l-koordinazzjoni ta' regoli rigward mezzi tekniċi li jiżguraw divulgazzjoni xierqa ta' informazzjoni privileġġata, proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti tal-UE u dawk barranin, u l-koordinazzjoni, wara li ssir talba, ta' investigazzjonijiet u spezzjonijiet għal każijiet transfruntieri ta' abbuż tas-suq.

Il-proposta dwar Depożitorji Ċentrali tat-Titoli għandha l-għan li tarmonizza kemm il-ħin kif ukoll it-twettiq tas-saldu tat-titoli fl-Ewropa u r-regoli li jirregolaw id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli (Central Securities Depositories (CSDs)) li joperaw l-infrastrutturi u b'hekk jippermettu s-saldu. Fir-rigward tas-saldu, il-proposta tarmonizza l-ħin u d-dixxiplina tas-saldu tat-titoli fl-UE. Rigward is-CSDs, hija toħloq, għall-ewwel darba fil-livell Ewropew, awtorizzazzjoni, superviżjoni u qafas regolatorju komuni għas-CSDs.

Ir-rwol tal-AETS skont ir-Regolament CSD jinkludi l-abbozzar ta' standards tekniċi għall-applikazzjoni tas-CSDR – b'kollox 22 standard tekniku regolatorju u ta' implimentazzjoni; il-provvediment ta' linji gwida/l-aħjar prattiki ta' superviżjoni għad-dixxiplina tas-saldu u l-miżuri CSD– b'kollox 3 linji gwida; l-iżgurar ta' applikazzjoni konsistenti tas-CSDR; ir-rikonoxximent ta' CSDs ta' pajjiż terz u r-rekwiżiti tar-rappurtar (rapport annwali dwar l-iżviluppi tas-suq, b'mod partikolari dwar l-effiċjenza tas-saldu, is-saldu internalizzat, l-attività transfruntiera).

Ir-rwol tal-AETS fil-kuntest tar-Regolament rivedut dwar l-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu (CRA III) huwa stabbilit fit-test prinċipali tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva.

Tabella 1 Ħarsa ġenerali tat-talba għal persunal u l-impatt finanzjarju

Ħarsa ġenerali tat-talba għal persunal

| **stima tal-persunal statutorju meħtieġ** | **stima tal-persunal estern meħtieġ** | **Stima TOTALI tal-persunal meħtieġ** |
|---|---|---|

| 2013 | 2014 | 2015 | 2013 | 2014 | 2015 | 2013 | 2014 | 2015 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I. 8 | 8 | 8 | 3 | 3 | 3 | **11** | **11** | **11** |
| **II.** 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | **6** | **6** | **6** |
| **III.** 4 | 4 | 4 | 2 | 2 | 2 | **6** | **6** | **6** |
| **IV.** 15 | 15 | 15 | 0 | 5.8 | 5.5 | **15** | **20.8** | **20.5** |

fejn:

*I – proposta dwar id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID) COM (2011) 656 finali [2011/0298 (COD)]*

*II – proposta dwar id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq (MAD) COM(2011) 651 finali [2011/0295 (COD)]*

III – proposta dwar Depożitorji Ċentrali tat-Titoli (CSD) COM(2012) 73 finali [2012/0029 (COD)]

IV – proposta dwar ir-Regolament dwar l-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu (CRA3) COM(2011) 747 finali u 746 finali [0361 (COD) u 0360 (COD)]